**KUNSILL LOKALI IL-MUNXAR**
Triq Il-Profs Ġużè Aquilina
Il-Munxar MXR1012
**-----------------------------------------**
**KUMITAT AMMINISTRATTIV IX-XLENDI**

**Laqgħa Numru KAX 12-2015**

Minuti tal-laqgħa ta' nhar it-Tlieta, 12 ta' Mejju 2015, miżmuma fl-Uffiċċju Amministrattiv tal-Kunsill Lokali, Il-Munxar.

Il-Kumitat iltaqa' fil-5.00 ta' filgħaxija.

Preżenti għal din il-laqgħa:

Is-Sur Mark Anthony Busuttil - *Chairperson.*
Is-Sinjorina Charmaine Vella - Viċi *Chairperson.*
Is-Sinjura Joselle Camilleri - Membru.

Is-Sinjura Carmen Said - Sindku.

Is-Sur Anthony Grech - Segretarju Eżekuttiv.

Skużati kien hemm is-Sur Vincent Borg - Membru u s-Sur Michele Fenech Adami - Membru.

Il-Kumitat segwa l-Aġenda li ntbagħtet fit-8 ta' Mejju 2015.

1. Attivitajiet Sajf 2015.
2. Sejħiet għall-Offerti – Xogħlijiet fix-Xlendi.
3. Rapport tas-Segretarju Eżekuttiv.
4. Mistoqsijiet mill-membri.
5. Materji oħra.

**1.00 Attivitajiet Sajf 2015.**

1.01 Il-Kumitat beda jiddiskuti dwar l-attivitajiet tas-sajf. Is-Segretarju Eżekuttiv flimkien mas-Sindku ltaqgħu mal-persuna li ser tieħu ħsieb il-logħob 'Giochi Senza Frontiere - It's a Knock Out', fejn ippropona li dan il-logħob isir fit-8 ta' Awwissu 2015 u l-età ser tkun bejn l-14 u l-25 sena. Il-Kumitat ser joħroġ avviż sabiex dawk iż-żgħażagħ li huma interessati li jiffurmaw *team* għandhom ikellmu lill-Kumitat.
Iċ-*Chairperson* issuġġerixxa li waħda mill-attivitajiet tkun *drumming session.* Id-data tentattiva sabiex issir din l-attività hija d-29 ta' Awwissu 2015.
Fil-programm ta' attivitajiet, il-Kumitat qed jinkludi l-attivitajiet li ser isiru permezz tal-Iskema dwar Inizjattivi Sportivi fil-Lokalitajiet 2014-2015. Bejn l-24 ta' Ġunju 2015 u t-12 ta' Lulju 2015 ser isiru lezzjonijiet ta' *diving*, fil-11 ta' Lulju 2015 ser isiru lezzjonijiet ta' *self-defence* u l-*Fun Park* ser isir fil-5 ta' Settembru 2015.
Ser issir Fjakkolata fis-16 ta' Lulju 2015, Festa Liturġika tal-Madonna tal-Karmnu u fis-6 ta' Settembru 2015 meta tiġi ċċelebrata l-festa ta' barra.

**2.00 Sejħiet għall-Offerti – Xogħlijiet fix-Xlendi.**

2.01 Ġew ippubblikati fuq il-Gazzetta tal-Gvern tal-21 ta' April 2015 u fuq il-Malta Independent tat-22 ta' April 2015 erba' sejħiet għall-offerti li jikkonċernaw il-Bajja tax-Xlendi li ser jagħlqu fl-10 ta' filgħodu ta' nhar it-Tnejn, 25 ta' Mejju 2015. Dawn huma:

1. MXR/003/2015 - Servizz ta' knis ta' toroq b'mod li jħares l-ambjent.
2. MXR/004/2015 - Servizz ta' ġbir ta' skart domestiku b'mod li jħares l-ambjent.
3. MXR/005/2015 - Works Tender for the upgrading and rehabilitation of a path at Ix-Xlendi Bay.
4. MXR/006/2015 - Supply, delivery and installation of environmentally friendly Planters and Benches at Ix-Xlendi, Gozo.

**3.00 Rapport tas-Segretarju Eżekuttiv.**

3.01 Il-Kumitat/Kunsill irċieva talba mingħand resident ta' Triq il-Qsajjem, Ix-Xlendi. Huwa qed jitlob sabiex issir lampa ġdida ma' arblu li diġà jeżisti peress li minħabba d-dlam qed isir xi vandaliżmu. Kien hemm qbil dwar dan.

3.02 Il-Kumitat/Kunsill irċieva lment mingħand sidien ta' proprjetà fi Triq iż-Żirżieb, Ix-Xlendi. Huma qed jirrapportaw li f'tarf Triq iż-Żirżieb hemm karozza bajda mingħajr numri li ilha hemm ħafna żmien u qed jitolbu li din titneħħa. Qed jinfurmaw ukoll lill-Kumitat/Kunsill li minflok din il-karozza ser iħawlu xi fjuri.

3.03 Il-Kumitat/Kunsill irċieva *e-mail* mingħand proprjetarju ta' *flat* minn *block* fi Triq il-Qsajjem, Ix-Xlendi. Qed jilmenta li *block* li jmiss ma' tiegħu huma aċċessibbli minn kulħadd u barra li huwa ta' periklu, qed jintefa' ħafna żibel. Huwa diġà rrapporta lis-sid, lill-Pulizija u lis-Sanità.

3.04 Il-Kumitat/Kunsill irċieva talba mingħand operatur ta' stabbiliment fi Triq ir-Rabat, Ix-Xlendi sabiex jingħata approvazzjoni li l-bankina titwessa' hekk kif approvata mingħand Transport Malta. Is-Sindku infurmat lill-Kumitat li din it-talba qed tiġi kkunsidrata mill-awtoritajiet kompetenti. Il-Kumitat ser jiċċekkja ma' *master plan* u l-veduti tal-Kunsill.

3.05 Resident ta' Triq ir-Rumani talab lill-Kumitat sabiex itella' ċint tat-triq peress li parti tat-triq fejn ma hijiex mibnija ma hemmx ċint u hemm l-għoli. Il-Kumitat kien ser ikellem lis-sid tal-*plot*.

**4.00 Mistoqsijiet mill-membri.**

4.01 Is-Sinjorina Charmaine Vella infurmat lill-Kumitat li saritilha talba min-naħa tas-sidien ta' stabbilimenti kummerċjali dwar possibilità ta' laqgħa mal-istess sidien sabiex jiġi diskuss pjan biex nikkumbattu l-istaġjonalità għax-xhur tax-xitwa fix-Xlendi. Kien hemm qbil dwar dan.

**5.00 Materji oħra.**

5.01 Ma kienx hemm materji oħra x'jiġu diskussi.

Il-laqgħa spiċċat fis-6.30 ta' filgħaxija u ġie miftiehem li laqgħa oħra ssir nhar il-Ħamis, 18 ta' Ġunju 2015, fil-5.00 ta' filgħaxija.

**Mark Busuttil**
***Chairperson.***

**Anthony Grech**
***Segretarju Eżekuttiv.***